SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

16 ta' Lulju 2015 *

"Rinviju preliminari — Direttiva 2004/38/KE — Il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(2) — Dritt ta' residenza tal-membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni — Żwieġ bejn ċittadin tal-Unjoni u ċittadin ta' pajjiż terz — Żamma tad-dritt ta' residenza ta' ċittadin ta' pajjiż terz wara t-tluq mill-Istat Membru ospitanti taċ-ċittadin tal-Unjoni, segwit b'divorzju — Artikolu 7(1)(b) — Riżorsi suffiċjenti — Teħid inkunsiderazzjoni tar-riżorsi tal-konjuġi ċittadin ta' pajjiż terz — Dritt taċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jaħdmu fl-Istat Membru ospitanti sabiex jikkontribwixxu għall-kisba ta' riżorsi suffiċjenti"

Fil-Kawża C-218/14,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-High Court (L-Irlanda), permezz ta' deċiżjoni tal-25 ta' Frar 2014, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-5 ta' Mejju 2014, fil-proċedura

Kuldip Singh,

Denzel Njume,

Khaled Aly

vs

Minister for Justice and Equality,

fil-preżenza ta':

Immigrant Council of Ireland,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn V. Skouris, President, K. Lenaerts, Viċi President, A. Tizzano, R. Silva de Lapuerta (Relatur), A. Ó Caoimh u J.-C. Bonichot, Presidenti ta' Awla, A. Arabadjiev, M. Safjan, M. Berger, A. Prechal u E. Jarašiūnas, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: M. Aleksejev, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-23 ta' Marzu 2015,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal K. Singh, minn C. O'Dwyer u R. Haughton, Senior Counsels, P. Brazil, Barrister-at-Law, kif ukoll minn J. Boyle u M. Griffin, solicitors,

— għal D. Njume, minn M. Lynn u R. Haughton, Senior Counsels, kif ukoll minn P. Brazil u C. Stanley, Barristers-at-Law,

— għal K. Aly, minn M. Lynn, Senior Counsel, A. McMahon, Barrister-at-Law, kif ukoll minn E. Lyons, solicitor,

— għall-Immigrant Council of Ireland, minn P. Dillon Malone, Senior Counsel, A. Lowry, Barrister-at-Law, kif ukoll minn H. Becker, solicitor,

— għall-Irlanda, minn E. Creedon u G. Samuel, bħala aġenti, assistiti minn D. Conlan Smyth, Senior Counsel, kif ukoll minn F. O'Sullivan, Barrister-at-Law,

— għall-Gvern Daniż, minn C. Thorning u M. Wolff, bħala aġenti,

— għall-Gvern Elleniku, minn T. Papadopoulou, bħala aġent,

— għall-Gvern Spanjol, minn L. Banciella Rodríguez-Miñón, bħala aġent,

— għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna, bħala aġent,

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn V. Kaye, bħala aġent, assistita minn B. Lask u G. Facenna, Barristers-at-Law

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Wilderspin u J. Tomkin, kif ukoll minn C. Tufvesson, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2015,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 7(1)(b) u tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-13(2) tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri, li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5 Vol. 5, p. 46).

2 Din id-domanda tressqet fil-kuntest ta' tliet kawżi bejn K. Singh, D. Njume u K. Aly u l-Minister for Justice and Equality (Ministru tal-Ġustizzja u l-Ugwaljanza, iktar 'il quddiem il-"Minister"), rispettivament, dwar iċ-ċaħda minn dan tal-aħħar tat-talbiet tal-persuni kkonċernati intiżi għaż-żamma tad-dritt ta' residenza tagħhom fl-Irlanda wara d-divorzju tagħhom.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Skont il-premessa 15 tad-Direttiva 2004/38:

"Il-membri tal-familja għandhom ikunu ġuridikament protetti fil-każ ta' mewt taċ-ċittadin ta' l-Unjoni, ta' divorzju, ta' annullament taż-żwieġ jew tat-tmiem ta' l-unjoni reġistrata. Għandhom għalhekk jittieħdu miżuri li jiżguraw li f'ċirkostanzi bħal dawn, bir-rispett dovut għall-ħajja familjari u għad-dinjità umana, u f'ċerti kondizzjonijiet li jostakolaw abbuż, il-membri tal-familja li qed jgħixu diġà fit-territorju ta' l-Istat Membru ospitanti jżommu d-dritt tagħhom ta' residenza esklussivament fuq bażi personali."

4 L-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, intitolat "Definizzjonijiet", jipprovdi:

"Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

1) 'ċittadin ta' l-Unjoni' tfisser kwalunkwe persuna li għandha ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru;

2) 'membru tal-familja' tfisser:

   a) ir-raġel jew martu;

   [...]

3) 'Stat Membru ospitanti' tfisser l-Istat Membru li jmur fih ċittadin ta' l-Unjoni sabiex jeżerċita d-dritt tiegħu ta' moviment liberu u residenza."

5 L-Artikolu 3(1) tal-imsemmija direttiva, intitolat "Benefiċjarji", jipprovdi:

"Din id-Direttiva għandha tapplika għaċ-ċittadini kollha ta' l-Unjoni li jiċċaqilqu jew li jgħixu fi Stat Membru għajr iċ-ċittadini ta' l-istess Stat Membru, u għall-membri tal-familja tagħhom kif imfissra fil-punt 2 ta' l-Artikolu 2 li jakkumpanjawhom jew li jingħaqdu magħhom."

6 L-Artikolu 7(1) u (2) tal-istess direttiva, intitolat "Dritt ta' residenza ta' aktar minn tliet xhur", jipprovdi:

"1. Iċ-ċittadini kollha ta' l-Unjoni għandhom id-dritt ta' residenza fit-territorju ta' Stat Membru ieħor għal perjodu ta' aktar minn tliet xhur jekk huma:

a) ħaddiema jew nies li jaħdmu għal rashom fl-Istat Membru ospitanti; jew

b) għandhom biżżejjed riżorsi għalihom u għall-membri tal-familja tagħhom biex ma jkunux ta' piż fuq is-sistema ta' l-għajnuna soċjali ta' l-Istat Membru ospitanti matul il-perjodu tagħhom ta' residenza u għandhom assigurazzjoni ta' mard komprensiva fl-Istat Membru ospitanti, jew

c) – miktuba f'istitut privat jew pubbliku, akkreditat jew finanzjat mill-Istat Membru ospitanti skond il-bażi tal-leġislazzjoni jew tal-prattika amministrattiva tiegħu, għall-iskop prinċipali li jiġi segwit kors ta' studju, inkluż taħriġ professjonali; u

— għandhom assigurazzjoni ta' mard komprensiva fl-Istat Membru ospitanti u jassiguraw lill-awtorità nazzjonali rilevanti, permezz ta' dikjarazzjoni jew b'mezzi oħrajn ekwivalenti li jagħżlu huma, li għandhom riżorsi suffiċjenti għalihom u għall-membri tal-familja tagħhom biex ma jkunux ta' piż fuq is-sistema ta' l-għajnuna soċjali ta' l-Istat Membru ospitanti matul il-perjodu tagħhom ta' residenza; jew

d) membri tal-familja li qed jakkumpanjaw jew li se jingħaqdu ma' ċittadin ta' l-Unjoni li jissoddisfa l-kondizzjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b) jew (ċ).

2. Id-dritt ta' residenza previst fil-paragrafu 1 għandu jkun estiż għall-membri tal-familja li mhumiex ċittadini ta' Stat Membru, li jakkumpanjaw jew li jingħaqdu maċ-ċittadin ta' l-Unjoni fl-Istat Membru ospitanti, sakemm dan iċ-ċittadin ta' l-Unjoni jissoddisfa l-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 (a), (b) jew (ċ)."

7 L-Artikolu 12 tad-Direttiva 2004/38, intitolat "Żamma tad-dritt ta' residenza tal-membri tal-familja fil-każ ta' mewt jew tluq miċ-ċittadin ta' l-Unjoni", jipprovdi:

"1. Mingħajr preġudizzju għat-tieni sottoparagrafu, il-mewt jew it-tluq taċ-ċittadin ta' l-Unjoni mill-Istat Membru ospitanti m'għandux jolqot id-dritt ta' residenza tal-membri tal-familja tiegħu li m'għandhomx ċittadinanza ta' Stat Membru.

Qabel jinkiseb id-dritt ta' residenza permanenti, il-persuni kkonċernati għandhom jilħqu l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a), (b), (ċ) jew (d) ta' l-Artikolu 7(1).

2. Mingħajr preġudizzju tat-tieni sottoparagrafu, il-mewt taċ-ċittadin ta' l-Unjoni ma jwassalx it-telf tad-dritt ta' residenza tal-membri tal-familja tiegħu li m'għandhomx ċittadinanza ta' Stat Membru u li kienu qed jgħixu fl-Istat Membru ospitanti bħala membri tal-familja għal ta' l-inqas sena qabel il-mewt taċ-ċittadin ta' l-Unjoni.

Qabel jinkiseb id-dritt ta' residenza permanenti, id-dritt ta' residenza tal-persuni kkonċernati għandu jibqa' s-suġġett tal-ħtieġa li jkunu jistgħu juru li huma ħaddiema jew li huma persuni li jaħdmu għal rashom jew li għandhom biżżejjed riżorsi għalihom u għall-membri tal-familja tagħhom biex ma jkunux ta' piż fuq is-sistema ta' għajnuna soċjali ta' l-Istat Membru ospitanti matul il-perjodu ta' residenza tagħhom, kif ukoll li għandhom assigurazzjoni ta' mard komprensiva fl-Istat Membru ospitanti, jew li huma parti min-nukleu familjari, diġà kkostitwit fl-Istat Membru ospitanti, ta' persuna li tissoddisfa dawn il-ħtiġiet. 'Riżorsi biżżejjed' huma dawk indikati fl-Artikolu 8(4).

Dawn il-membri tal-familja għandhom iżommu d-dritt ta' residenza esklussivament b'titlu personali.

3. It-tluq taċ-ċittadin ta' l-Unjoni mill-Istat Membru ospitanti jew il-mewt tiegħu m'għandux iwassal għal telf tad-dritt ta' residenza tat-tfal tiegħu jew tal-ġenitur li għandu l-kustodja preżenti tat-tfal, irrispettivament miċ-ċittadinanza, jekk it-tfal jgħixu fl-Istat Membru ospitanti u huma miktuba f'istituzzjoni edukattiv, għal skop ta' studju, sat-tlestija ta' l-istudji tagħhom."

8 L-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2004/38, intitolat "Żamma tad-dritt ta' residenza mill-membri ta' familja f'każ ta' divorzju, ta' annullament ta' żwieġ, jew ta' tmiem ta' unjoni reġistrata", jipprovdi:

"Mingħajr preġudizzju għat-tieni sottoparagrafu, id-divorzju, l-annullament taż-żwieġ taċ-ċittadin ta' l-Unjoni jew it-tmiem ta' l-unjoni reġistrata, kif imfissra fil-punt 2(b) ta' l-Artikolu 2 ma jfissirx telf tad-dritt ta' residenza tal-membri tal-familja taċ-ċittadin ta' l-Unjoni li m'għandhomx ċittadinanza ta' Stat Membru fejn:

a) qabel il-bidu tal-proċeduri ta' divorzju jew ta' annullament jew it-tmiem ta' l-unjoni reġistrata msemmija fil-punt 2(b) ta' l-Artikolu 2, iż-żwieġ jew l-unjoni reġistrata damu minn ta' l-inqas tliet snin, inkluż sena fl-Istat Membru ospitanti; jew

[...]

Qabel jinkiseb id-dritt ta' residenza permanenti, id-dritt ta' residenza tal-persuni kkonċernati għandu jibqa' s-suġġett tal-ħtieġa li huma jkunu jistgħu juru li huma ħaddiema jew li huma persuni li jaħdmu għal rashom jew li għandhom biżżejjed riżorsi għalihom u għall-membri tal-familja tagħhom biex ma jkunux ta' piż fuq is-sistema ta' għajnuna soċjali fl-Istat Membru ospitanti matul il-perjodu ta' residenza tagħhom u li għandhom assigurazzjoni ta' mard komprensiva fl-Istat Membru ospitanti, jew li huma membri min-nukleu familjari, diġà kkostitwit fl-Istat Membru ospitanti, ta' persuna li tissoddisfa dawn il-ħtiġiet. 'Riżorsi biżżejjed' huma dawk indikati fl-Artikolu 8(4).

Dawn il-membri tal-familja għandhom iżommu d-dritt ta' residenza esklussivament b'titlu personali."

9 L-Artikolu 14(2) tal-imsemmija direttiva, intitolat "Żamma tad-dritt ta' residenza", jipprovdi:

"Ċittadini ta' l-Unjoni u l-membri tal-familja tagħhom għandhom id-dritt ta' residenza kif previst fl-Artikoli 7, 12 u 13 sakemm jaderixxu mal-kondizzjonijiet stabbiliti fihom.

[...]"

Id-dritt Irlandiż

10 Ir-Regolamenti dwar il-Komunitajiet Ewropej (moviment liberu tal-persuni) tal-2006 [European Communities (Free Movement of Persons) Regulations 2006, SI 2006 Nru 656, iktar 'il quddiem ir-"Regolament tal-2006"] jimplementa d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/38 fid-dritt Irlandiż.

Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari

L-ewwel kawża prinċipali

11 K. Singh huwa ċittadin Indjan li wasal l-Irlanda fis-6 ta' Frar 2002, b'viża ta' student u li, sussegwentement, irrisjeda legalment f'dan l-Istat Membru.

12 Fil-11 ta' Novembru 2005, K. Singh iżżewweġ ċittadina Latvjana, li kienet taħdem u tirrisjedi legalment fl-Irlanda. Minn dan iż-żwieġ, twieled wild fit-3 ta' Diċembru 2007, ukoll ta' nazzjonalità Latvjana.

13 Wara l-għoti tas-sentenza Metock *et* (C-127/08, EU:C:2008:449) u skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/38, K. Singh ingħata awtorizzazzjoni ta' residenza fl-Irlanda għal perijodu ta' ħames snin, bħala konjuġi ta' ċittadina tal-Unjoni residenti f'dan l-Istat Membru u li teżerċita d-drittijiet tagħha previsti mit-Trattat FUE hemmhekk.

14 Il-konjuġi ta' K. Singh ħadmet kontinwament f'diversi impjiegi bejn is-sena 2004 u x-xahar ta' Ġunju 2009.

15 Matul is-sena 2009, K. Singh, flimkien ma' sieħeb, fetaħ u opera pizzerija fl-Irlanda, b'kuntratt ta' konċessjoni tad-29 ta' Mejju 2009, konkluż għal perijodu inizjali ta' 10 snin. Sussegwentement, K. Singh ipprovda għall-bżonnijiet finanzjarji tal-familja tiegħu, u l-konjuġi tiegħu baqgħet id-dar tieħu ħsieb it-tifel tagħhom.

16 Peress li l-konjuġi Singh kienu għaddejjin minn diffikultajiet fiż-żwieġ tagħhom, il-konjuġi ta' K. Singh telqet mill-Irlanda fi Frar 2010 u bdiet proċeduri ta' divorzju fil-Latvja f'Settembru 2010. Id-divorzju ġie ddikjarat definittiv b'effett mit-12 ta' Mejju 2011.

17 Fl-14 ta' Diċembru 2011, wara li ngħata d-divorzju, K. Singh ressaq talba quddiem il-Minister għaż-żamma tal-awtorizzazzjoni ta' residenza tiegħu kif ukoll għall-għoti ta' permess ta' residenza permanenti fl-Irlanda, fuq il-bażi tad-Direttiva 2004/38 u tal-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni ta' din tal-aħħar, minħabba li huwa kien iżżewweġ lil ċittadina tal-Unjoni, kien missier ċittadin tal-Unjoni u kien jissodisfa l-kundizzjonijiet legali meħtieġa peress li ż-żwieġ tiegħu kien dam tliet snin, inkluż sena fl-Irlanda. F'dak iż-żmien, K. Singh ħadem kemm għal rasu kif ukoll bħala impjegat.

18 Permezz ta' deċiżjoni tat-30 ta' April 2012, il-Minister ċaħad dawn it-talbiet billi invoka, b'mod partikolari, ir-raġunijiet segwenti:

"[...] sa fejn [l-ex konjuġi tiegħek] telqet mit-territorju tal-[Irlanda] fl-2010, hija ma għadhiex titqies li teżerċita d-drittijiet tagħha li jinsiltu mit-Trattati tal-Unjoni Ewropea f'dan l-Istat Membru skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6(2)(b) tar-Regolamenti [tal-2006], u hija ma għadhiex tgawdi minn dritt ta' residenza f'dan l-Istat Membru, fis-sens tal-Artikolu 6 [ta' dawn ir-regolamenti]. Konsegwentement, ma huwiex possibbli li inti [...] tibbenefika minn dritt ta' residenza dderivat minn dak tal-[ex konjuġi tiegħek] skont id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi Artikolu 6(2)(b) tar-Regolamenti tal-2006".

19 K. Singh appella minn din id-deċiżjoni abbażi tal-fatt li huwa kien jibbenefika minn dritt ta' residenza personali fl-Irlanda, konformement mal-Artikolu 10 tar-Regolamenti tal-2006 li jittrasponi l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2004/38.

20 Permezz ta' ittra tat-12 ta' Novembru 2012, id-dipartiment tal-appelli tal-Minister informa lil K. Singh li l-appell tiegħu kien ġie miċħud.

21 Madankollu, fid-dawl tas-sitwazzjoni speċifika ta' K. Singh, bl-istess ittra huwa ngħata permess li jiġġedded sabiex jibqa' jirrisjedi fl-Irlanda għal perijodu ta' sena, bħala miżura eċċezzjonali, u dan il-permess kien jawtorizzah jirrisjedi u jaħdem mingħajr il-bżonn ta' permess ta' xogħol. Għaldaqstant, skont id-dritt nazzjonali, K. Singh seta' jeżerċita attivitajiet kummerċjali f'dan l-Istat Membru.

It-tieni kawża prinċipali

22 D. Njume, li ddikjara li huwa ta' nazzjonalità Kamerunjana, applika għall-ażil fil-Ġermanja fis-6 ta' Jannar 2004.

23 D. Njuma jsostni li, f'Jannar 2005, huwa ltaqa' ma' ċittadina Ġermaniża, li magħha huwa kellu relazzjoni u sussegwentement għex f'Eslohe (il-Ġermanja), matul madwar 18-il xahar.

24 D. Njuma daħal l-Irlanda illegalment u applika għall-ażil hemmhekk fl-4 ta' Settembru 2006. Fl-4 ta' Jannar 2007, D. Njume żżewweġ lis-sieħba tiegħu fl-uffiċċju tar-reġistru ċivili f'Cork (l-Irlanda).

25 Wara l-għoti tas-sentenza Metock *et* (C-127/08, EU:C:2008:449) u, skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/38, D. Njuma ngħata awtorizzazzjoni ta' residenza fl-Irlanda għal perijodu ta' ħames snin, bħala l-konjuġi ta' ċittadina tal-Unjoni residenti f'dan l-Istat Membru u li teżerċita d-drittijiet tagħha previsti mit-Trattat FUE hemmhekk. Flimkien ma' din l-awtorizzazzjoni ta' residenza, li kellha effett retroattiv mill-11 ta' Ottubru 2007, ingħatat ukoll karta ta' residenza.

26 D. Njume, li sussegwentement sab xogħol, isostni li, flimkien mal-konjuġi tiegħu, huwa rrisjeda fl-Irlanda matul il-perijodu kollu minn tmiem is-sena 2006 sa' Jannar 2011, ħlief għal tliet soġġorni fir-Renju Unit ta' għaxart ijiem kull wieħed, intiżi sabiex il-konjuġi tiegħu ssib xogħol hemmhekk. D. Njume jsostni li huwa pprovda għall-għajxien ta' din tal-aħħar mill-2008 sal-2011, bis-saħħa tal-qligħ tiegħu.

27 Permezz ta' ittra tal-25 ta' Frar 2011, il-Minister ġie informat li l-konjuġi ta' D. Njume kienet telqet mill-Irlanda fil-bidu tas-sena 2011 u marret lura l-Ġermanja. Permezz ta' ittra tal-25 ta' Marzu 2011, D. Njume sostna li, skont l-Artikolu 9 tar-Regolamenti tal-2006 li kien jittrasponi l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2004/38, id-dritt ta' residenza tiegħu kien jinżamm fil-każ ta' tluq mill-pajjiż taċ-ċittadina tal-Unjoni ta' dan l-Istat Membru.

28 Fl-14 ta' Ġunju 2011, il-konjuġi ta' D. Njuma ressqet proċeduri ta' divorzju fir-Renju Unit.

29 Permezz ta' ittra tat-12 ta' Lulju 2011, il-Minister informa lil D. Njume li l-Artikolu 9 tar-Regolamenti tal-2006 ma kienx japplika għas-sitwazzjoni tiegħu. Permezz ta' ittra tat-22 ta' Lulju 2011, D. Njume informa lil Minister b'dawn il-proċeduri ta' divorzju.

30 Fil-21 ta' Diċembru 2011, il-High Court of Justice (England & Wales), Family Division, tat digriet provviżorju fejn ikkonstatat li, f'din id-data, D. Njume u l-konjuġi tiegħu kienu "għexu separatament għal perijodu kontinwu ta' mill-inqas sentejn immedjatament qabel ma tressqu l-proċeduri ta' [divorzju]". Digriet definittiv ingħata fit-28 ta' Marzu 2012.

31 Wara li ngħata d-divorzju, D. Njume talab iż-żamma tad-dritt ta' residenza tiegħu fl-Irlanda, abbażi tal-Artikolu 10 tar-Regolamenti tal-2006 li jittrasponi l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2004/38.

32 Permezz ta' deċiżjoni tal-21 ta' Settembru 2012, il-Minister irrifjuta li jagħti lil D. Njume dan id-dritt ta' residenza skont l-Artikolu 10(2) ta' dawn ir-regolamenti.

33 Permezz ta' deċiżjoni tat-12 ta' Settembru 2013, ingħatat awtorizzazzjoni ta' residenza li tiġġedded lil D. Njume, għal perijodu ta' tliet snin, skont id-dritt nazzjonali, sat-12 ta' Settembru 2016.

It-tielet kawża prinċipali

34 K. Aly, ċittadin Eġizzjan, daħal l-Irlanda fl-14 ta' Marzu 2007, b'viża turistika li awtorizzatu jibqa' f'dan l-Istat Membru sal-14 ta' Ġunju 2007. Fit-12 ta' Lulju 2007, K. Aly iżżewweġ ċittadina Litwana fl-imsemmi Stat Membru. Fil-21 ta' Awwissu 2008, huwa ngħata karta ta' residenza b'effett retroattiv mit-3 ta' Frar 2008, skont ir-Regolamenti tal-2006. Din il-karta kienet valida għall-ħames snin, jiġifieri sat-2 ta' Frar 2013.

35 Il-konjuġi ta' K. Aly ħadmet l-Irlanda mill-1 ta' Mejju 2004 sa Jannar 2009, meta tilfet l-impjieg tagħha minħabba l-kriżi ekonomika. Hija rċeviet allowances tal-qgħad sa Ġunju 2009. Il-konjuġi Aly għexu mill-qligħ ta' K. Aly, fejn fil-frattemp il-konjuġi ta' dan tal-aħħar kienet qiegħda tfittex xogħol. F'Marzu 2011, hija marret ir-Renju Unit sabiex taħdem hemmhekk għal perijodu qasir.

36 Permezz ta' ittra tal-14 ta' Awwissu 2012, K. Aly informa lil Irish Naturalisation and Immigration Service (Dipartiment tan-Naturalizzazzjoni u tal-Immigrazzjoni Irlandiż, iktar 'il quddiem l-"INIS") li, fis-sitt xhur wara li l-konjuġi tiegħu telqet lejn Londra (ir-Renju Unit) sabiex taħdem hemmhekk, il-koppja kienet isseparat. Din tal-aħħar xtaqet tibqa' Londra, iżda K. Aly ma riedx jistabbilixxi ruħu hemmhekk.

37 Permezz ta' ittra tat-3 ta' Ottubru 2012, l-INIS informa lil K. Aly li huwa kellu l-intenzjoni jtemm l-awtorizzazzjoni ta' residenza tiegħu fl-Irlanda u stiednu jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu.

38 Permezz ta' ittra tal-15 ta' Ottubru 2013, K. Aly informa lil INIS li kienu nbdew proċeduri ta' divorzju fil-Litwanja u li kellu jinħareġ digriet ta' divorzju f'qasir żmien. Huwa sostna li, skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2004/38, huwa kien jibbenefika minn dritt ta' residenza fl-Irlanda.

39 Permezz ta' deċiżjoni tat-12 ta' Novembru 2012 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni inkwistjoni"), l-INIS irtira l-awtorizzazzjoni ta' residenza fl-Irlanda ta' K. Aly. Din id-deċiżjoni kienet tipprovdi, b'mod partikolari:

"Barra minn hekk, għandu jiġi nnotat li [l-ex konjuġi tiegħek] telqet mit-territorju nazzjonali u għal żmien twil ma eżerċitatx hemmhekk id-drittijiet li jinsiltu mit-Trattati tal-Unjoni Ewropea konformement mal-Artikolu 6(2) [tar-Regolamenti tal-2006]. Għal din ir-raġuni, jekk jogħġbok innota li l-motivi li għalihom ingħatajt awtorizzazzjoni ta' residenza ma għadhomx applikabbli, sa fejn id-dritt idderivat tiegħek skont id-dispożizzjonijiet [tar-Regolamenti tal-2006] ma kienx baqa' validu ladarba l-konjuġi tiegħek, ċittadina tal-Unjoni, ma baqgħetx teżerċita, fit-territorju nazzjonali, id-drittijiet li jinsiltu mit-Trattati tal-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 10(2) [tar-Regolamenti tal-2006] jikkonċerna ż-żamma ta' dritt ta' residenza fuq bażi individwali u personali fil-każ ta' divorzju, madankollu, peress li ma intix iddivorzjat u peress li d-dritt ta' residenza tiegħek ma baqax validu meta [il-konjuġi tiegħek] waqfet milli teżerċita fl-Irlanda d-drittijiet li jinsiltu mit-Trattati tal-Unjoni Ewropea, ma huwiex possibbli li tibbenefika miż-żamma ta' dan id-dritt."

40 Wara n-notifika tad-deċiżjoni inkwistjoni, K. Aly mar għand l-awtoritajiet kompetenti fil-qasam tal-immigrazzjoni, kif intalab jagħmel, u uffiċjal annulla l-karta ta' residenza tiegħu. Barra minn hekk, dan l-uffiċjal ikkuntattja lill-persuna li kienet timpjega lil K. Aly sabiex ma tkomplix timpjegah.

41 Fl-10 ta' Diċembru 2012, il-High Court awtorizzat lil K. Aly iressaq talba għal stħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni inkwistjoni.

42 Wara din il-proċedura, permezz ta' deċiżjoni tas-17 ta' Diċembru 2012, K. Aly ingħata awtorizzazzjoni temporanja ta' xogħol u ta' residenza fit-territorju Irlandiż.

43 Fit-12 ta' Marzu 2013, ingħata ċertifikat ta' divorzju lill-persuni kkonċernati mill-awtoritajiet Litwani.

44 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-High Court iddeċidiet, fit-tliet kawżi prinċipali, li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) Meta żwieġ li jinvolvi ċittadin tal-Unjoni ma' ċittadin ta' pajjiż terz jintemm b'divorzju miskub wara t-tluq taċ-ċittadin tal-Unjoni minn Stat Membru ospitanti fejn dan iċ-ċittadin tal-Unjoni kien qed igawdi minn drittijiet tal-Unjoni, u meta japplikaw l-Artikol[u] 7 u [l-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu] 13(2)[...] tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/38/KE, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz iżomm dritt li jirrisjedi fl-Istat Membru ospitanti wara dan? Fil-każ ta' risposta fin-negattiv, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu dritt ta' residenza fl-Istat Membru ospitanti matul il-perijodu bejn tluq iċ-ċittadin tal-Unjoni mill-Istat Membru ospitanti u l-għoti tad-deċiżjoni ta' divorzju?

2) Ir-rekwiżiti tal-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 2004/38/KE huma sodisfatti meta konjuġi ċittadin tal-Unjoni jsostni li għandu biżżejjed riżorsi fis-sens tal-Artikolu 8(4) tad-Direttiva parzjalment abbażi tar-riżorsi tal-konjuġi taċ-ċittadin ta' pajjiż terz?

3) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għat-tieni domanda, persuni bħar-rikorrenti għandhom drittijiet taħt id-dritt tal-Unjoni (minbarra taħt id-Direttiva) biex jaħdmu fl-Istat Membru ospitanti sabiex jipprovdu jew jikkontribwixxu 'biżżejjed riżorsi' skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva?"

Fuq id-domandi preliminari

Osservazzjonijiet preliminari

45 Il-kawża preżenti tikkonċerna tliet ċittadini ta' pajjiżi terzi li, wara li żżewġu lil ċittadini tal-Unjoni li kienu jirrisjedu u jaħdmu l-Irlanda, kisbu dritt ta' residenza f'dan l-Istat Membru, għal perijodi li jvarjaw minn tliet xhur sa ħames snin, skont l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2004/38, bħala konjuġi li jakkumpanjaw jew jingħaqdu ma' ċittadin tal-Unjoni fl-Istat Membru ospitanti.

46 F'dawn it-tliet kawżi prinċipali, huwa paċifiku li, qabel ma skadew dawn il-perijodi, il-konjuġi ċittadini tal-Unjoni telqu mit-territorju Irlandiż sabiex jistabbilixxu ruħhom fi Stat Membru ieħor, filwaqt li l-konjuġi ċittadin ta' pajjiż terz baqa' jgħix l-Irlanda.

47 Huwa paċifiku wkoll li, ftit wara t-tluq mill-pajjiż tagħhom, il-konjuġi ċittadini tal-Unjoni ressqu proċeduri ta' divorzju li wasslu għal deċiżjonijiet ġudizzjarji li jtemmu ż-żwieġ tagħhom ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

Fuq l-ewwel domanda

48 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2004/38 għandux jiġi interpretat fis-sens li ċittadin ta' pajjiż terz, iddivorzjat minn ċittadin tal-Unjoni, li ż-żwieġ tiegħu jkun dam mill-inqas tliet snin qabel il-bidu tal-proċeduri ġudizzjarji ta' divorzju, inkluż mill-inqas sena fl-Istat Membru ospitanti, jista' jibbenefika miż-żamma tad-dritt ta' residenza f'dan l-Istat Membru, abbażi ta' din id-dispożizzjoni, meta qabel id-divorzju l-konjuġi ċittadin tal-Unjoni jkun telaq mit-territorju ta' dan l-Istat Membru.

49 Għandu għalhekk jiġi ddeterminat liema huma l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2004/38, u b'mod partikolari, jekk il-konjuġi ta' ċittadin ta' pajjiż terz, li huwa ċittadin tal-Unjoni, għandux jirrisjedi fl-Istat Membru ospitanti, konformement mal-Artikolu 7(1) ta' din id-direttiva, sad-data tal-għoti tad-divorzju, sabiex dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun jista' jinvoka l-Artikolu 13(2) tal-imsemmija direttiva.

50 Fir-rigward tad-dritt ta' residenza, fl-Istat Membru ospitanti, ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni, għandha titfakkar, preliminarjament, il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li tgħid li d-drittijiet mogħtija lil ċittadini ta' pajjiżi terzi mid-Direttiva 2004/38 ma humiex drittijiet awtonomi ta' dawn iċ-ċittadini, iżda drittijiet idderivati mill-eżerċizzju tal-moviment liberu minn ċittadin tal-Unjoni. Il-finalità u l-ġustifikazzjoni ta' dawn id-drittijiet idderivati huma bbażati fuq il-konstatazzjoni li r-rifjut ta' rikonoxximent ta' tali drittijiet huwa ta' natura li jippreġudika l-moviment liberu taċ-ċittadin tal-Unjoni, billi jiskoraġġih milli jeżerċita d-drittijiet ta' dħul u ta' residenza fl-Istat Membru ospitanti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza O. u B., C-456/12, EU:C:2014:135, punti 36 u 45 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

51 Għandu jitfakkar ukoll li mhux iċ-ċittadini ta' Stati terzi kollha jisiltu drittijiet ta' dħul u ta' residenza fi Stat Membru mid-Direttiva 2004/38, iżda biss dawk li huma "membr[i] tal-familja" fis-sens tal-Artikolu 2(2) ta' din id-direttiva, ta' ċittadin tal-Unjoni li jkun eżerċita d-dritt ta' moviment liberu tiegħu billi jistabbilixxi ruħu fi Stat Membru għajr l-Istat Membru li għandu n-nazzjonalità tiegħu (sentenza Iida, C-40/11, EU:C:2012:691, punt 51 u l-ġurisprudenza stabbilita).

52 Barra minn hekk, l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2004/38 jeżiġi li l-membru tal-familja taċ-ċittadin tal-Unjoni li jkun stabbilit jew li jirrisjedi fi Stat Membru għajr dak li għandu n-nazzjonalità tiegħu għandu jakkumpanjah jew jingħaqad miegħu, sabiex jibbenefika minn din id-direttiva (ara s-sentenza Iida, C-40/11, EU:C:2012:691, punt 61).

53 L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2004/38, dwar id-dritt ta' residenza ta' iktar minn tliet xhur, jeżiġi wkoll li l-membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni, li ma għandhomx in-nazzjonalità ta' Stat Membru, "jakkumpanjaw" jew "jingħaqdu" ma' dan tal-aħħar fl-Istat Membru ospitanti sabiex hemmhekk jibbenefikaw minn dritt ta' residenza (sentenza Metock *et*, C-127/08, EU:C:2008:449, punt 86).

54 Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-kundizzjoni li ċittadin ta' pajjiż terz jakkumpanja jew jingħaqad maċ-ċittadin tal-Unjoni għandha tinftiehem mhux bħala obbligu tal-konjuġi li joqogħdu flimkien taħt l-istess saqaf iżda dak li jibqgħu, huma t-tnejn, fl-Istat Membru fejn il-konjuġi ċittadin tal-Unjoni jeżerċita d-dritt ta' moviment liberu tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Ogieriakhi, C-244/13, EU:C:2014:2068, punt 39).

55 Għaldaqstant, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni, jistgħu jinvokaw dritt ta' residenza previst mid-Direttiva 2004/38 biss fl-Istat Membru ospitanti fejn jirrisjedi dan iċ-ċittadin u mhux fi Stat Membru ieħor (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Iida, C-40/11, EU:C:2012:691, punti 63 u 64).

56 Barra minn hekk, l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2004/38 jirrikonoxxi lill-membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni li għandu n-nazzjonalità ta' pajjiż terz, li jakkumpanjaw jew jingħaqdu ma' ċittadin tal-Unjoni fl-Istat Membru ospitanti, dritt ta' residenza ta' iktar minn tliet xhur f'dan l-Istat Membru sakemm l-imsemmi ċittadin tal-Unjoni jissodisfa huwa stess il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(1)(a), (b) jew (ċ) ta' din id-direttiva.

57 Finalment, skont l-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2004/38, id-dritt tal-membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni li jirrisjedu fit-territorju ta' Stat Membru ospitanti, abbażi tal-Artikolu 7(2) ta' din id-direttiva, jinżamm biss sa fejn ikunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-dispożizzjoni.

58 Minn dan isegwi li, meta ċittadin tal-Unjoni, li jinsab f'sitwazzjoni bħal dik tal-konjuġi tar-rikorrenti fil-kawżi prinċipali, jitlaq mill-Istat Membru ospitanti u jistabbilixxi ruħu fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz, il-konjuġi ta' dan iċ-ċittadin tal-Unjoni, ċittadin ta' pajjiż terz, ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet sabiex jibbenefika minn dritt ta' residenza fl-Istat Membru ospitanti, skont l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2004/38. Madankollu, għandu jiġi eżaminat jekk, u f'liema kundizzjonijiet, l-imsemmi konjuġi jistax jinvoka dritt ta' residenza abbażi tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2004/38, meta t-tluq mill-pajjiż taċ-ċittadin tal-Unjoni jkun segwit b'divorzju.

59 Skont il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2004/38, id-divorzju ma jimplikax it-telf tad-dritt ta' residenza tal-membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni li ma għandhomx in-nazzjonalità ta' Stat Membru meta "qabel il-bidu tal-proċeduri ta' divorzju [...], iż-żwieġ [...] [dam] minn ta' l-inqas tliet snin, inkluż sena fl-Istat Membru ospitanti".

60 Għaldaqstant, din id-dispożizzjoni tikkorrispondi għall-finalità stabbilita fil-premessa 15 tal-imsemmija direttiva, li hija dik li tingħata protezzjoni legali lill-membri tal-familja fil-każ ta' mewt taċ-ċittadin tal-Unjoni, ta' divorzju, ta' annullament taż-żwieġ jew ta' tmiem is-sħubija rreġistrata, u li jittieħdu

miżuri f'dan ir-rigward li jiġi żgurat li, f'tali sitwazzjonijiet, il-membri tal-familja li jirrisjedu diġà fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti jżommu d-dritt ta' residenza tagħhom fuq bażi esklużivament individwali.

61 Ir-riferiment, fl-imsemmija dispożizzjoni, għall-"Istat Membru ospitanti", li fil-punt 3 tal-Artikolu 2 huwa biss iddefinit b'riferiment għall-eżerċizzju tad-dritt tal-moviment liberu u tad-dritt ta' residenza taċ-ċittadin tal-Unjoni, minn naħa, u għall-"bidu tal-proċeduri ta' divorzju", min-naħa l-oħra, neċessarjament jimplika li d-dritt ta' residenza tal-konjuġi taċ-ċittadin tal-Unjoni, ċittadin ta' pajjiż terz, jista' jinżamm biss, abbażi tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2004/38, jekk l-Istat Membru fejn jirrisjedi dan iċ-ċittadin ikun "l-Istat Membru ospitanti" fis-sens tal-punt 3 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/38, fid-data li fiha jinbdew il-proċeduri ġudizzjarji ta' divorzju.

62 Madankollu dan ma jkunx il-każ jekk, qabel il-bidu ta' tali proċeduri, iċ-ċittadin tal-Unjoni jitlaq mill-Istat Membru fejn jirrisjedi l-konjuġi tiegħu, sabiex jistabbilixxi ruħu fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz. Fil-fatt, f'din is-sitwazzjoni, id-dritt ta' residenza dderivat taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, abbażi tal-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2004/38, jintemm meta ċ-ċittadin tal-Unjoni jitlaq mill-pajjiż u għalhekk, ma jistax jinżamm iktar abbażi tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(2) ta' din id-direttiva.

63 Minn dan isegwi li, jekk fid-data li fiha jinbdew tali proċeduri, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz, konjuġi ta' ċittadin tal-Unjoni, kien igawdi minn dritt ta' residenza abbażi tal-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2004/38, dan id-dritt jinżamm, abbażi tal-punt a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(2) ta' din id-direttiva, kemm matul il-proċeduri ta' divorzju kif ukoll wara li jingħata d-digriet tad-divorzju, sakemm il-kundizzjonijiet previsti fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(2) tal-imsemmija direttiva jkunu ssodisfatti.

64 Madankollu, fit-tliet kawżi prinċipali, il-konjuġi taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati, li huma ċittadini tal-Unjoni, telqu mill-Istat Membru ospitanti u stabbilixxew ruħhom fi Stat Membru ieħor saħansitra qabel ma nbdew il-proċeduri ta' divorzju.

65 Mill-punt 58 ta' din is-sentenza jirriżulta li, wara t-tluq mill-pajjiż tal-konjuġi ċittadin tal-Unjoni, il-konjuġi ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx għadu jissodisfa l-kundizzjonijiet sabiex jibbenefika minn dritt ta' residenza, skont l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2004/38, fl-Istat Membru ospitanti.

66 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li konjuġi ta' ċittadin ta' pajjiż terz, li huwa ċittadin tal-Unjoni, għandu jirrisjedi fl-Istat Membru ospitanti, konformement mal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2004/38, sad-data li fiha jinbdew il-proċeduri ġudizzjarji ta' divorzju, sabiex dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun jista' jinvoka ż-żamma tad-dritt ta' residenza tiegħu f'dan l-Istat Membru, abbażi tal-Artikolu 13(2) ta' din id-direttiva.

67 Minn dan isegwi li, kif irrilevat l-Avukat Ġenerali fil-punt 27 tal-konklużjonijiet tagħha, f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, it-tluq mill-pajjiż taċ-ċittadin tal-Unjoni diġà implika t-telf tad-dritt ta' residenza tal-konjuġi ċittadin ta' pajjiż terz li jibqa' fl-Istat Membru ospitanti. Talba għal divorzju sussegwenti ma tistax tnissel mill-ġdid tali dritt, peress li l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2004/38 jirreferi biss għaż-"żamma" ta' dritt ta' residenza eżistenti.

68 Dan ma jfissirx li, abbażi tad-dritt nazzjonali, li jista' jipprovdi protezzjoni iktar estiża, ċittadin ta' pajjiż terz, fiċ-ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma jkunx jista', bħal fil-kawżi ineżami, jiġi awtorizzat ikompli jirrisjedi fl-Istat Membru kkonċernat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Melloni, C-399/11, EU:C:2013:107, punt 60).

69 Inċidentalment, fit-tliet kawżi prinċipali, ir-rikorrenti, wara d-divorzju tagħhom, ingħataw, skont id-dritt nazzjonali, awtorizzazzjoni temporanja għall-finijiet ta' residenza u xogħol fl-Irlanda, li permezz tagħha huma setgħu jibqgħu jirrisjedu legalment f'dan l-Istat Membru, u din l-awtorizzazzjoni fil-prinċipju setgħet tiġġedded, kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju.

70 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2004/38 għandu jiġi interpretat fis-sens li ċittadin ta' pajjiż terz, iddivorzjat minn ċittadin tal-Unjoni, li ż-żwieġ tiegħu jkun dam mill-inqas tliet snin qabel il-bidu tal-proċeduri ġudizzjarji ta' divorzju, inkluż mill-inqas sena fl-Istat Membru ospitanti, ma jistax jibbenefika miż-żamma tad-dritt ta' residenza tiegħu f'dan l-Istat Membru abbażi ta' din id-dispożizzjoni, meta qabel il-bidu tal-proċeduri ġudizzjarji ta' divorzju, il-konjuġi ċittadin tal-Unjoni jkun telaq mill-imsemmi Stat Membru.

Fuq it-tieni domanda

71 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 2004/38 għandux jiġi interpretat fis-sens li ċittadin tal-Unjoni jkollu riżorsi suffiċjenti għalih u għall-membri tal-familja tiegħu, sabiex ma jkunx ta' piż għas-sistema tal-assigurazzjoni soċjali tal-Istat Membri ospitanti matul il-perijodu ta' residenza tiegħu, anki fil-każ li dawn ir-riżorsi joriġinaw parzjalment minn dawk tal-konjuġi tiegħu, li huwa ċittadin ta' pajjiż terz.

72 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, fit-tliet kawżi prinċipali, qabel it-tluq mill-Istat Membru ospitanti tal-konjuġi ċittadin tal-Unjoni, ġie kkonstatat perijodu li matulu dan tal-aħħar ma ħadimx f'dan l-Istat Membru, b'mod li kien il-konjuġi ċittadin ta' pajjiż terz li, bis-saħħa tal-qligħ minn attività li huwa eżerċita fl-imsemmi Stat Membru, ipprovda għall-għajxien tal-familja.

73 Mill-Artikolu 7(1)(b) u (2) tad-Direttiva 2004/38 jirriżulta li, indipendentement min-nazzjonalità tagħhom, il-membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni, li jirrisjedi fit-territorju ta' Stat Membru ieħor mingħajr ma jeżerċita hemmhekk attività bħala persuna impjegata jew bħala persuna li taħdem għal rasha, għandhom id-dritt jakkumpanjaw jew jingħaqdu ma' dan iċ-ċittadin, sa fejn dan tal-aħħar ikollu riżorsi suffiċjenti għalih u għall-familja tiegħu u assigurazzjoni tal-mard komprensiva fl-Istat Membru ospitanti (sentenza Ibrahim u Secretary of State for the Home Department, C-310/08, EU:C:2010:80, punt 28).

74 Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-espressjoni "għandhom" riżorsi suffiċjenti, f'din id-dispożizzjoni, għandha tiġi interpretata fis-sens li huwa biżżejjed li ċ-ċittadini tal-Unjoni jiddisponu minn tali riżorsi, mingħajr ma tipprovdi l-iċken rekwiżit fir-rigward tas-sors tagħhom, peress li dawn tal-aħħar jistgħu jiġu pprovduti, b'mod partikolari, miċ-ċittadin ta' Stat terz (ara s-sentenza Alokpa u Moudoulou, C-86/12, EU:C:2013:645, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

75 Fil-fatt, kif diġà ddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, interpretazzjoni tal-kundizzjoni dwar in-natura suffiċjenti tar-riżorsi fis-sens li l-persuna kkonċernata għandha jkollha hija stess tali riżorsi, mingħajr ma tkun tista' tinvoka, f'dan ir-rigward, ir-riżorsi ta' membru tal-familja li jakkumpanjaha, iżżid ma' din il-kundizzjoni, kif imfassla fid-Direttiva 2004/38, rekwiżit marbut mas-sors tar-riżorsi, u dan jikkostitwixxi interferenza sproporzjonata fl-eżerċizzju tad-dritt fundamentali tal-moviment liberu u ta' residenza ggarantit fl-Artikolu 21 TFUE, sa fejn ma huwiex neċessarju għat-twettiq tal-għan li għandu jintlaħaq, jiġifieri l-protezzjoni tal-finanzi pubbliċi tal-Istati Membri (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Zhu u Chen, C-200/02, EU:C:2004:639, punt 33).

76 Minn dan isegwi li l-fatt li parti mir-riżorsi disponibbli għaċ-ċittadin tal-Unjoni joriġinaw minn riżorsi miksuba mill-konjuġi ċittadin ta' pajjiż terz, minn attività li huwa jeżerċita fl-Istat Membru ospitanti, ma jipprekludix li l-kundizzjoni dwar in-natura suffiċjenti tar-riżorsi, stabbilita fl-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 2004/38, titqies li hija ssodisfatta.

77 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 2004/38 għandu jiġi interpretat fis-sens li ċ-ċittadin tal-Unjoni jkollu riżorsi suffiċjenti għalih u għall-membri tal-familja tiegħu, sabiex ma jkunx ta' piż għas-sistema tal-assigurazzjoni soċjali tal-Istat Membri ospitanti matul il-perijodu ta' residenza tiegħu, anki fil-każ li dawn ir-riżorsi joriġinaw parzjalment minn dawk tal-konjuġi tiegħu, li huwa ċittadin ta' pajjiż terz.

Fuq it-tielet domanda

78 Fid-dawl tar-risposta għat-tieni domanda, ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tielet domanda.

Fuq l-ispejjeż

79 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2004/38 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri, li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE, għandu jiġi interpretat fis-sens li ċittadin ta' pajjiż terz, iddivorzjat minn ċittadin tal-Unjoni, li ż-żwieġ tiegħu jkun dam mill-inqas tliet snin qabel il-bidu tal-proċeduri ġudizzjarji ta' divorzju, inkluż mill-inqas sena fl-Istat Membru ospitanti, ma jistax jibbenefika miż-żamma tad-dritt ta' residenza tiegħu f'dan l-Istat Membru abbażi ta' din id-dispożizzjoni, meta qabel il-bidu tal-proċeduri ġudizzjarji ta' divorzju, il-konjuġi ċittadin tal-Unjoni jkun telaq mill-imsemmi Stat Membru.**

2) **L-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 2004/38 għandu jiġi interpretat fis-sens li ċ-ċittadin tal-Unjoni jkollu riżorsi suffiċjenti għalih u għall-membri tal-familja tiegħu, sabiex ma jkunx ta' piż għas-sistema tal-assigurazzjoni soċjali tal-Istat Membri ospitanti matul il-perijodu ta' residenza tiegħu, anki fil-każ li dawn ir-riżorsi joriġinaw parzjalment minn dawk tal-konjuġi tiegħu, li huwa ċittadin ta' pajjiż terz.**

Firem